# Toroq Ħamruniżi

*jikteb Tony Terribile*

**Għal** darb'oħra din is-sena permezz ta' din il-kitba se nduru ma' xi toroq oħra fil-Ħamrun u se nagħtu ħarsa lejn isimhom, ismijiet li qegħdin ifakkru xi bini, persunaġġ jew xi ħaġa jew ġrajja partikolari.

Se nibdew billi nagħtu titwila lejn waħda mit-toroq l-aktar wisgħin li nsibu fil-Ħamrun, **Triq Ġużè' Pace.** Qabel ma ngħatat dan l-isem din it-triq kien jisimha *Victoria Avenue.* Ovvjament l-isem Victoria Avenue kien tifkira tar-Reġina Victoria tar-Renju Unit, Reġina li damet snin kbar fuq it-tron u li s-sena l-oħra kien imfakkar għeluq il-mitt sena mill-mewt tagħha fl-1901.



**Triq Ġużè' Pace**

Ġużè' Pace li għalih din it-triq hi msemmija llum, kien mużiċista. Huwa twieled fl-1892 u miet ħamsin sena wara fl-1942.

Bini importanti li nsibu f'din it-triq huwa dak ta' l-iskola magħrufa popolarment fil-Ħamrun bħala *L-Iskola l-Kbira.*

Din kienet l-ewwel skola governattiva li nbniet fil-Ħamrun.Dan sar fl-1920 fl-għalqa li l-Ħamruniżi kienu jafuha bħala *L-għalqa tal-Boċċi* għaliex fiha, bosta rġiel kieni jgħaddu ħafna ħin jilgħabu l-boċċi.

Għall-proġett tal-bini ta' din l-iskola, il-Gvern ħareġ is-somma ta' erbat elef lira li kienet somma kbira ħafna f'dak iż-żmien. Din l-iskola li ddawret b'erba' toroq kienet meqjusa waħda mill-akbar fi gżiritna. Il-pjanta tagħha saret minn Andrea Vassallo u fl-aħħar gwerra laqgħet fiha bosta refuġjati.

Ngħaddu biex nitkellmu dwar **Sqaq il-Qasab,** sqaq li tidħol għalih minn Triq il-Kbira. Dan ifakkarna fil-Ħamrun ta' l-imgħoddi meta f'din it-triq kienu jinħadmu bosta affarijiet magħmula bil-qasab.



**Sqaq il-Qasab**

Magħmulin mill-qasab kont issib qfief żgħar u kbar, tendini, ħsajjar u tant ħwejjeġ oħra. Il-qasab kien jinġieb hawn bil-mijiet u n-nies tas-sengħa kienu jxarxruh b'ħeffa kbira permezz tas-skieken. Nies minn Malta kollha kienu jiġu f'din it-triq biex jixtru dawn il-prodotti.

Triq oħra magħrufa fil-Ħamrun hija **Triq Atocia**. Din teħodna lura sew fl-istorja meta Ġużeppi Casauri mar Spanja u hemm intlaqat mid-devozzjoni tal-Madonna ta' Atocia. Ix-xbieha tagħha tinsab meqjuma bl-akbar għożża fil-kappella tal-Palazz Irjali f'Madrid.

Fl-1630, Ġużeppi u martu Eliżabetta ġew Malta u fuq għolja f'dawn l-inħawi bnew knisja f'ġieħ il-Madonna ta' Atocia. Il-Maltin malajr laqqmu l-knisja bħala *Tas-Samra* minħabba l-lewn samrani ta' wiċċ il-Madonna.

In-nies bdiet tagħraf il-Madonna bħala l-Madonna tas-Samra. L-istess il-knisja (Knisja tas-Samra) u l-istess l-inħawi (l-Għolja tas-Samra). Din il-parti tal-Ħamrun insibuha msemmija bi prominenza fl-istorja ta' l-imblokk tal-Franċiżi.

Id-devozzjoni lejn il-Madonna tas-Samra hi kbira ħafna u kull ħmistax tax-xahar bosta jżuru din il-knisja u jattendu għall-funzjonijiet u talb speċjali li jsir f'ġieħ il-Madonna. Il-festa tiġi ċċelebrata fil-15 ta' Awissu ftit jiem biss wara l-festa tal-Parroċċa.




**Triq Atocia**

Triq li isimha għandu rabta indiretta mal-Knisja tas-Samra, iżda li hi xi ftit imbiegħda minn din il-knisja, hi **Triq Enrico u Tereża Nuzzo**.

Enrico u Tereża Nuzzo kienu kuġini. Marija Tereża kienet mara ta' qalb tajba u li fittxet dejjem li tagħmel il-ġid. Daħlet soru Agostinjana meta

kienet xi ftit kbira fl-eta'. Maż-żmien hija waqqfet kongregazzjoni oħra u għalhekk hija l-fundatriċi tas-sorijiet ta' Ulied il-Qalb ta' Ġesu'.

Għaddiet żmien iebes u meta qalbha kienet kważi nqatgħet għal kollox, kuġinuha Enrico, bena post maġenb il-knisja tas-Samra fil-Ħamrun u stieden lis-sorijiet jidħlu fih.



**Triq Enrico u Tereża Nuzzo**

Il-post issemma' Istitut Nuzzo u kien fih li sar it-twelid ta' din il-kongregazzjoni tas-sorijiet, Ulied il-Qalb ta' Ġesu'; kongregazzjoni li għadha ferm attiva' permezz ta' skola, tagħlim tad-duttrina u kura ta' tfal. .

Ftit passi 'l bogħod minn din it-triq, insibu **Triq il-Ferrovija**, triq oħra li isimha jfakkar ġrajjiet imgħoddija iżda li għenu bi sħiħ fl-iżvilupp ta` artna.

Il-ferrovija tfakkarna kemm din għenet biex lejn tmiem is-seklu dsatax isir żvilupp ġewwa l-Ħamrun. Fuq bini li jinsab f'tarf din it-triq, naraw minquxa s-sena 1883, is-sena li twieldet il-ferrovija f'Malta.

L-awtoritajiet li kienu responsabbli għal dan il-mezz ta' trasport, għarfu l-importanza tal-Ħamrun u fih waqqfu stazzjon kbir li semmewh *'San Giuseppe'*.

Barra dan, fetħu *workshop* kbir għat-tiswija tal-ferrovija u fl-1895, miegħu



**Triq il-Ferrovija**

żiedu skola biex fiha jiġu mħarrġa studenti biex isewwu u jibnu ferroviji ġodda. Dan il-proġett ġab kummerċ kbir fil-Ħamrun.



Triq Dun Ġorġ Preca

Illum dan il-bini qed jintuża mill-*Hamrun Boys' Scouts* u *Girl Guides* u grazzi għalihom, dan il-post storiku għadu jista' jitgawda u għadu miżmum fi stat tajjeb ħafna.

L-aħħar Triq li lejha se nixħtu l-ħarsa tagħna hija **Triq Dun Ġorġ Preca**. Żgur li isem Dun Ġorġ m'għandu bżonn l-ebda introduzzjoni b'mod speċjali mal-Ħamruniżi fejn għal snin twal għex u ħadem u fejn bosta għadhom jiftakruh għaddej tul Triq il-Kbira.

Dun Ġorġ li twieled fl-1880, ħadem ta' saċerdot fil-Knisja Parrokkjali ta' San Gejtanu, fejn fl-1907 qaddes l-ewwel quddiesa u fejn snin qabel kien serva ukoll ta' abbati.

L-aqwa monument li ħalla warajh kienet is-Soċjeta' tat-Tagħlim Nisrani, il-Museum, li hu beda f'għalqa l-Ħamrun u li llum mhux biss hi mxerrda ma' Malta u Għawdex kollha, iżda hi mxerrda ukoll f'numru ta' pajjiżi.

Kien fil-Ħamrun ukoll li hu beda l-purċissjoni bil-Bambin lejliet il-Milied, fis-sena 1921.

Is-sena l-oħra, eluf kbar ta' nies inġabru quddiem il-knisja ta' San Gejtanu, il-knisja fejn hu kien iqaddes u jqarar kuljum, u ftit passi 'l bogħod minn quddiem il-bini li kien daru għal bosta snin, biex sellmulu mill-ġdid ftit jiem biss qabel ma wasal fostna il-Q.T. il-Papa, li f'ċerimonja mill-isbaħ, iddikjarah Beatu.

Qrib it-triq imsemmija għalih, hemm mibnija d-dar ċentrali tas-Soċjeta' li hu waqqaf u l-kappella tal-Madonna tal-Midalja Mirakoluża li tagħha Dun Ġorġ kien tant devot.

***TRIQATNA B'ISIMHOM JURU ĠRAJJIET NIESNA, RAĦALNA U ARTNA. B'DEHRITHOM JURU MIN U KIF AĦNA. HU DMIRNA NŻOMMUHOM INDAF!***